MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2017

Rikors Maħluf Numru 177/15LM

**Roberto Gauci (K.I. 435473M)**

***vs.***

**Erom Trading Limited (C-65591) u Darren Casha (K.I. 341982)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Frar, 2015 mill-attur **Roberto Gauci** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

*Illi l-esponent huwa kreditur tas-soċjetà intimata fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u sbatax-il euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€21,017.26) rappreżentanti bilanċ dovut għal diversi ordnijiet ta' prodotti li tqassmu fis-supermarkets tas-soċjetà intimata*

*ġewwa l-Ħamrun, Żebbuġ, Fgura u l-Mosta u dan fuq ordni tagħha stess skont kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati 'Dok. A, B, C u D'*[1]*;*

*Illi permezz ta' Credit Application Form (annessa u mmarkata bħala Dok. E*[2]*) li ġiet aċċettata mill-intimati, l-intimat Darren Casha saħansitra ddikjara illi qed jiggarantixxi in solidum mas-soċjetà intimata mingħajr il-benefiċċju tal-eskussjoni, kull debitu li jista' jiġi inkors mis-soċjetà intimata fir-rigward tal-esponent;*

*Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti fuq imsemmija personalment;*

*Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu dan l-ammont, huma baqgħu inadempjenti;*

*Illi dawn il-proċeduri qed isiru sabiex l-esponent jiġi ddikjarat bħala kreditur tas-soċjetà intimata kif ukoll tal-intimat Darren Casha fl-ammont ta' €21,017.26 rappreżentanti bilanċ dovut għal diversi ordnijiet ta' prodotti li tqassmu fis-supermarkets tas-soċjetà intimata ġewwa l-Ħamrun, Żebbuġ, Fgura u Mosta u dan fuq ordni tagħha stess u sabiex iż-żewġ intimati jiġu kkundannati jħallsu l-istess somma;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-intimati bħala debituri tal-esponent fl-ammont ta' €21,017.26 rappreżentanti bilanċ dovut għal diversi ordnijiet ta' prodotti li tqassmu fis-supermarkets tas-soċjetà intimata u dan fuq ordni tagħha stess;*

2. *Tiddikjara lil Darren Casha bħala garanti solidali tad-debiti ta' Erom Trading Limited fl-ammont ta' €21,017.26;*

3. *Tikkundanna u tordna s-soċjetà intimata Erom Trading Limited tħallas lill-esponent is-somma ta' €21,017.26;*

---

[1] Dok. A *a fol.* 5 - *statement* dwar il-fatturi maħruġa lil More Supermarket, il-Ħamrun fl-ammont totali ta' €7,215.92; Dok. B *a fol.* 6 - *statement* dwar il-fatturi maħruġa lil More Supermarket, Ħaż-Żebbuġ fl-ammont totali ta' €4,284.88; Dok. C *a fol.*7 - *statement* dwar il-fatturi maħruġa lil More Supermarket, il-Fgura fl-ammont totali ta' €4,105.31; u Dok. D *a fol.* 8 - *statement* dwar il-fatturi maħruġa lil More Supermarket, il-Mosta fl-ammont totali ta' €5,411,15. Dawn il-fatturi huma kollha tal-2014 u ġew maħruġa minn Pasta Royale.

[2] *A fol.* 9 u 10 tal-proċess, fejn Darren Casha ddikjara u ffirma li *"I, the undersigned, together with my spouse (*jekk applikabbli – *N/A*)*, hereby declare myself/ourselves personally liable, jointly and severally with the company* (More Supermarkets Ħamrun – Mosta – P'Ville – Fgura – Żebbuġ: *outlets operataed by Erom Trading Ltd.*) *without the benefit of discussion, for any debts incurred by the company."* Bit-timbru ta' Pasta Royale u datata *"August 2014"*.

4. *Tikkundanna u tordna lil Darren Casha jħallas "in solidum" lill-esponent is-somma ta' €21,017.26;*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali kollha inklużi dawk tal-mandati ta' qbid kawtelatorji bin-numri 236/15 u 235/15 u l-mandati ta' sekwestru kawtelatorji bin-numri 234/15 u 233/15 kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Erom Trading Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") u ta' Josephine Casha bħala mandatarja speċjali tal-konvenut assenti **Darren Casha** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Josephine Casha, li biha eċċepew:

*1. Illi inkwantu għat-talbiet kif rivolti lejn is-soċjetà eċċepjenti Erom Trading Ltd, qiegħda ssir ammissjoni limitatament għas-somma ta' €5,797.61;*

*2. Illi s-soċjetà eċċepjenti Erom Trading Ltd qiegħda tikkontesta l-kumplament tal-ammont pretiż mill-attur, u dan stante li dan jirrisali għal perijodu qabel ma ġie ffirmat il-Credit Application Form esebit mar-Rikors Maħluf, u għaldaqstant ma jistax ikun dovut minnha;*

*3. Illi inkwantu għat-talbiet kif rivolti lejn il-konvenut Darren Casha personalment, il-garanzija personali li fuqha l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu kontra l-konvenut Darren Casha hija irrita u nulla, u dan stante li l-għoti ta' garanzija personali trid issir bi ftehim datat, u ffirmat mill-persuna li qiegħda taċċetta l-garanzija, ħaġa li effettivament ma saritx;*

*4. Illi b'ebda mod ma tista' Credit Application Form, li anke min-natura tagħha hija biss talba unilaterali għal kreditu, ma tista' qatt titqies bħala ftehim u tonqos mill-elementi essenzjali li jirrikjedi ftehim, u għaldaqstant l-għotja ta' garanzija personali qatt ma tista' ssir permezz ta' applikazzjoni jew talba;*

*5. Illi għaldaqstant, il-konvenut Darren Casha personalment m'għandu xejn x'jagħti lill-attur, u dan mingħajr preġudizzju għat-tieni eċċezzjoni, li qiegħed jagħmel tiegħu ukoll;*

*6. Illi in vista tal-ewwel eċċezzjoni, u għal kwalunkwe somma oħra li dina l-Onorabbli tista' tiddeċiedi li għandha tqies dovuta lejn l-attur, kwalunkwe imgħax*

*għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-Rikors Maħluf, in linea mal-ġurisprudenza nostrali, u dan stante, illi kuntrarjament għal dak li jgħid l-attur, ma saret ebda interpellazzjoni għall-ħlas, tant li fl-istess Rikors Maħluf l-attur lanqas ma huwa qiegħed jitlob l-ispejjeż ta' ebda ittra interpellatorja.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2015 fejn deher l-Avv. Kevan Azzopardi bħala stralċjarju tas-soċjetà konvenuta u għamel riferiment għall-Artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta[3] u għall-proċeduri relatati mal-istralċ fl-ismijiet **Eco Pure Limited *et. vs.* Erom Trading Limited** (Rikors 1153/14) biex dawn il-proċeduri odjerni jieqfu u jitkomplew biss jekk tingħata ordni minn dik il-Qorti li qed tisma' l-kawża fuq imsemmija.[4]

Rat ir-rikors tal-attur ippreżentat fl-atti tar-rikors 1153/14 biex din il-Qorti kif diversament preseduta tawtorizza t-tkomplija tal-proċeduri quddiem din il-Qorti kif presjeduta[5] u d-digriet ta' dik il-Qorti fejn laqgħet it-talba.[6]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

[3] "(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 228, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti."
[4] P.A. ippresjeduta mill-Onor. Imħallef Joseph Zammit Mc Keon.
[5] *A fol.* 132 u 133 tal-proċess.
[6] *A fol.* 135 tal-proċess.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar, 2017 fejn ingħata terminu għall-preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għat-3 ta' Mejju, 2017 għas-sentenza, liema terminu ġie estiż wara li l-attur talab aktar żmien għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet u għalhekk ġie estiż it-terminu għall-preżentata tan-nota responsiva mill-konvenuti u konsegwentement il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet ippreżenati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur, li jopera in-negozju taħt l-isem ta' Pasta Royale u għandu fabbrika fl-Industrial Estate ta' San Ġwann li tagħmel prodotti tal-pasta u *pastry,* isostni illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallsu s-somma ta' €21,017.26 għal merkanzija fornita lilha għall-erba' *supermarkets* tagħha More fil-Ħamrun, Ħaż-Żebbuġ, Mosta u l-Fgura bejn 4 ta' Ġunju, 2014 sat-13 ta' Ottubru, 2014. L-attur jikkontendi wkoll illi l-konvenut Darren Casha, direttur tas-soċjetà konvenuta għandu jinżamm personalment responsabbli għal tali ħlas stante li l-imsemmi konvenut Darren Casha fuq *credit application form* fejn ingħata benefiċċju ta' 90 ġurnata għall-ħlas tal-merkanzija, kien iggarantixxa personalment *in solidum* mas-soċjetà konvenuta "*any debts incurred by the Company with Pasta Royale*".

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda tilqa' għat-talbiet attriċi billi filwaqt li qiegħda tammetti t-talbiet attriċi limitatament għas-somma ta' €5,797.61, qiegħda tikkontesta l-bqija tal-ammont pretiż mill-attur stante li dan jirrisali għal perjodu qabel ma ġiet iffirmata l-*Credit Application Form* esebita mar-Rikors Maħluf u għaldaqstant ma jistax ikun dovut minnha. Mill-banda l-oħra l-konvenut Darren Casha jikkontendi illi huwa personalment m'għandu jagħti xejn lill-attur stante li l-garanzija personali invokata mill-attur hija irrita u nulla għax ma hemmx ftehim datat u lanqas mhija ffirmata mill-attur u li garanzija personali ma tistax issir b'forma ta' talba jew applikazzjoni fi *credit application form.*

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Roberto Gauci** ppreżenta flimkien mar-Rikors Maħluf tiegħu *statements* imqassmin f'erba' partijiet biex jiddistingwi l-konsenji li kien għamel lis-*supermarkets* More tal-Ħamrun, il-Fgura, Ħaż-Żebbuġ u l-Mosta. Apparti dan, l-attur ippreżenta wkoll id-dikjarazzjoni tal-konvenut fejn ikkostitwixxa ruħu bħala garanti personali mingħajr il-benefiċċju tal-eskussjoni għad-djun tas-soċjetà konvenuta ma' Pasta Royale, it-*trade name* li kien juża l-attur għan-negozju tiegħu.[7] L-attur ippreżenta wkoll affidavit[8] fejn spjega li fil-bidu hu kien jittratta mas-soċjetà Cassar and Schembri (Marketing) Limited bħala sidien tal-More S*upermarkets* u ma kellux problema ta' ħlas. Meta bdew jinqalgħu problemi għas-soċjetà Cassar and Schembri (Marketing) Limited, hu

[7] *Vide fol.* 10 tal-proċess.
[8] *A fol*. 29 u 30 tal-proċess.

kien irċieva *e-mail* minn Matthew Borg, *purchasing consultant* ta' More Supermarkets datata 16 ta' Ġunju, 2014[9] fejn qallu li dawn l-*outlets* kellhom *shareholders* ġodda u li wieħed minnhom kien ġie maħtur bħala l-uniku direttur, ċjoè il-konvenut odjern. L-attur ġie mitlub ukoll biex l-*invoices* ġodda jinħarġu f'isem is-soċjetà konvenuta. Mal-*e-mail* l-attur irċieva l-ewwel *credit application form* ta' *credit facilities* ta' 90 ġurnata ffirmata mill-konvenut bħala rekwiżit biex ikomplu l-*business* mal-attur u dikjarazzjoni wkoll iffirmata mill-konvenut dwar l-ismijiet tax-*shareholders* il-ġodda, fosthom il-konvenut u fejn l-attur ġie infurmat li s-soċjetà konvenuta assumiet responsabbilità kompleta għad-djun ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited mal-attur. L-attur esebixxa wkoll il-fatturi kollha tal-konsenji mhux imħallsin[10] għas-somma totali mitluba f'din il-kawza ta' €21,017.26, apparti l-imgħaxijiet u spejjeż.

L-attur fix-xhieda tiegħu jispjega kif kien ħa parir li biex jagħti kreditu lis-soċjetà konvenuta kellu jitlob garanzija personali *in solidum* mingħajr dritt ta' eskussjoni u esebixxa korrispondenza li saret ma' Dennis Francalanza li kien jieħu ħsieb il-finanzi tas-soċjetà konvenuta fejn ftiehmu li eventwalment l-konvenut jiffirma t-tieni *credit application form* bil-garanzija tiegħu personali *in solidum* mas-soċjetà konvenuta għad-djun tal-istess soċjetà mal-attur[11] u dan jirriżulta mill-*e-mail* ta' Dennis Francalanza datata 20 ta' Awwissu, 2014[12] mibgħuta fl-4.05p.m., u b'hekk kompla jingħata l-kreditu offert mill-attur ta' 90 jum.

---

[9] *A fol.* 31 tal-proċess, bl-ewwel *credit application form a fol.* 32 u 33 tal-proċess u d-dikjarazzjoni ta' Darren Casha datata Ġunju 2014 *a fol.* 34 tal-proċess, ilkoll annessi mal-*e-mail.*

[10] Dawk relatati mal-fergħa tal-Ħamrun *a fol.* 36 sa 54, dawk relatati mal-fergħa ta' Ħaż-Żebbuġ *a fol.* 56 sa 74, dawk relatati mal-fergħa tal-Fgura *a fol.* 76 sa 92 u dawk relatati mal-fergħa tal-Mosta *a fol.* 94 sa 113 tal-proċess.

[11] *A fol.* 14, 15 u 16 tal-proċess.

[12] *A fol.* 114 u 115 tal-proċess.

Illi lejn l-aħħar tax-xhieda tiegħu l-attur[13] jispjega permezz ta' dokumentazzjoni li ġiet esebita[14] li meta f'Ottubru 2014 kien għadu ma sar ebda ħlas u l-attur kien ser iwaqqaf il-konsenji, sar ftehim biex il-konsenji ġodda li jsiru jitħallsu bi flus kontanti u li kull ħlas li jsir jiżdied bi 15% aktar fuq l-ammont tal-fattura biex minn dan il-ħlas addizzjonali jibda jinqata' d-dejn preċedenti. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset 15% aktar f'erba' okkażjonijiet biex dan jinqata' mill-kontijiet ta' qabel, fl-ammonti ta' €75.51, €100.62, €37.28 u €10.39 u €45.19[15], total ta' €268.99. Jidher li meta imbagħad il-konvenuti ma bdewx iħallsu għall-konsenji, hu waqqaf il-konsenji u meta pprova jikkomunika ma' min kien daħal minflok Dennis Francalanza u mal-konvenut, dan bdew jaħarbuh u ma jkellmuhx.

Illi in kontro-żami l-attur mistoqsi jekk meta ntbagħtitlu l-ewwel *credit application form,* kienx iffirmaha, wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk però kienx aċċettaha, irrisponda wkoll fin-negattiv u qal li kien lest jaċċettaha biss fil-forma li xtaq hu, ċjoè bil-garanzija personali. Ikkonferma li kien iltaqa' mal-konvenut darba, probabbli f'Ġunju 2014 fejn l-konvenut aċċertah li kollox ser jimxi sewwa. Ikkonferma li dwar il-garanzija personali li ta l-konvenut, l-attur kien ittratta ma' Dennis Francalanza għax kien diffiċli jkellem lill-konvenut. L-attur ikkonferma wkoll li l-ammont addizzjonali ta' 15% li beda jitħallas żejjed biex jinqata' d-dejn ta' qabel, li kien jammonta għal €268.99, kien sab li ħa żball li ma naqashomx mit-total li qed jitlob l-ħlas tiegħu f'din il-kawża u jaqbel li dan l-ammont għandu jitnaqqas.

---

[13] *A fol.* 147.
[14] *A fol.* 116 sa 128 tal-proċess.
[15] *A fol.* 117, 120, 123 u 128 rispettivament.

Illi s-soċjetà konvenuta fl-eċċezzjonijiet tagħha ddikjarat li kienet qed tammetti li s-somma ta' €5,797.61 kienet dovuta, li huwa l-ammont tal-*invoices* mill-1 ta' Settembru, 2014 'il quddiem,[16] u ċjoè l-*invoices* maħruġa lil More Supermarket Ħamrun numri 6425, 6437, 7613, 6605 u 6630 – *sub-total* €1,812.37[17]; l-*invoices* maħruġa lil More Supermarket Żebbuġ numri 6410, 6424, 6436, 7614, 6601 u 6628 – *sub-total* €1227.82[18]; l-*invoices* maħruġa lil More Supermarket Fgura numri 6409, 6423, 6435 u 6627 – *sub-total* €920.64; u l-*invoices* maħruġa lil More Supermarket Mosta – numri 6363, 6393, 6453, 6478, 6579, 7664, 7700 u 6733 – *sub-total* €1836.78[19] – għal total ta' **€5797.61.**

Illi fix-xhieda tiegħu l-konvenut **Darren Casha**[20] kkonferma li kumpannija tiegħu D. More Holdings Ltd. kienet xtrat l-ishma fid-diversi kumpanniji li kienu joperaw lil More Supermarkets mingħand Cassar & Schembri (Marketing) Limited, però huwa ħoloq is-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited biex tixtri u tiddistribwixxi l-i*stock* għas-*supermarkets.*

Darren Casha fix-xhieda tiegħu stqarr ukoll li l-ewwel *credit application form* datata 16 ta' Ġunju, 2014 ġiet aċċettata mill-attur tant li dan beda jforni lis-soċjetà konvenuta bil-merkanzija u allura l-attur aċċetta li sal-20 ta' Awwissu, 2014 il-konvenut ma kienx assuma r-responsabbiltà għall-ħlas personalment u jgħid ukoll li fl-agħar ipotesi l-attur mingħandu seta' jitħallas biss l-ammonti tal-*invoices* ta' wara din id-data. Il-konvenut Darren Casha elimina wkoll l-ammonti indikati fl-*invoices* bid-data tal-20 ta' Awwissu, 2014 għax skont hu l-

[16] Ara paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti *a fol.* 18 tal-proċess
[17] Dok. A, *a fol.* 5 tal-proċess.
[18] Dok. B, *a fol.* 6 tal-proċess.
[19] Dok. D *a fol.* 8 tal-proċess.
[20] *A fol.* 141 u 142 tal-proċess.

konsenji kienu saru ferm qabel ma ntbagħtet l-*credit application form* iffirmata minnu, kif jirriżulta mill-*e-mail* ta' Dennis Francalanza datata 20 ta' Awwissu, 2014[21] mibgħuta fl-4.05p.m. Skont dawn il-kalkoli tal-konvenut Darren Casha, huwa kien iggarantixxa personalment biss is-somma ta' €7,155.08 anki jekk fir-realtà l-ammont korrett kellu jkun €7,499.32. Jirriżulta mill-provi prodotti illi mal-fatturi maħruġa mill-1 ta' Settembru 2014 'il quddiem fl-ammont ta' €5797.61, iridu jiżdiedu wkoll dawk maħruġa wara l-20 ta' Awwissu u qabel 1 ta' Settembru, 2014, jiġifieri il-fatturi datati rispettivament waħda 25.8.2014, tlieta 27.8.2014 u waħda 28.8.2014, u ċjoè fatturi 6283, 6244, 6245, 6246 u 6354 – *sub-total* €1,172.63 – kif ukoll fattura 6407 li għalkemm fl-*istatement a fol. 5* – Dok. A. hija indikata bid-data tat-03.08.2014, jekk wieħed iqabbilha mal-oriġinali *a fol.* 49, hi effettivament datata 03.09.2014 fl-ammont ta' €529.08 u għalhekk it-total korrett kellu jkun ta' **€7,499.32.**

Illi Darren Casha fix-xhieda tiegħu jgħid li hekk kif Ryan Schembri, li kien soċju ewlieni fis-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited, ħarab minn Malta, l-attur ma bediex jafda u s-soċjetà konvenuta kellha tibda tħallas fi flus kontanti u taffettwa pagamenti addizzjonali ta' 15% biex jinqatgħu mid-djun l-antiki. L-attur jgħid illi tħallsu żejjed l-ammonti ta' €75.51, €100.62 u €37.28 u €10.39 biex jinqatgħu mid-djun l-antiki, però mill-atti jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta ħallset ukoll is-somma ta' €45.19[22], u t-total ta' ħlasijiet żejda li saru biex jinqatgħu mid-dejn l-antik hija ogħla mis-somma ta' €223.80 kif ikkalkulata mill-konvenut, u għalhekk mill-*invoices* l-antiki kellha tinqata' s-somma ta' €268.99.

[21] *A fol.* 114 u 115.
[22] *A fol.* 128.

Illi għar-rigward tal-garanzija personali ffirmata mill-konvenut, il-konvenut isostni illi l-attur stess qal li ma kien talab ebda garanzija personali mingħand il-konvenut biex ikompli jissuplixxi l-merkanzija. Il-konvenut jgħid illi kien żball tiegħu li ffirma *credit application forms* u qatt ma ħaseb li kien hemm dik il-garanzija inkluża. Il-konvenut jargumenta li safejn jaf hu garanzija personali trid issir b'kuntratt u hu u l-attur qatt ma għamlu kuntratt u jgħid li l-firma tiegħu l-attur ħadielu b'qerq.

In kontroeżami l-konvenut waqt li kkonferma li l-firma fuq il-garanzija[23] kienet tiegħu u li t-tieni *credit application form* bil-garanzija kien għaddihielu Dennis Francalanza li kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta, jgħid li hu ma kienx ser jiffirma tali garanzija għax kien isib *suppliers* oħrajn minflok l-attur f'każ li dan ma jkunx irid ikompli jissupplixxih bil-merkanzija. Il-konvenut ikkonferma wkoll illi l-ammonti mitluba mill-attur kienu kollha għall-perjodu meta hu kien direttur tas-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti trid tiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet skont il-liġi iżda abbażi tal-provi li jiġu ppreżentati quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[24], li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid

[23] *A fol.* 10.

[24] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972; **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995; **Anthony Azzopardi *et. noe. vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015; **Theuma *vs.* Mercieca,** Qorti tal-Appell, 20.02.1996; **Fenech Clarke *et. vs.* Borg *et.,*** Qorti tal-Appell, 30.05.1997; **Martin Mifsud *et. vs.* Marika Almerigo,** P.A., 16.04.2013; **Joseph Zammit *vs.* Joseph Hili**, Qorti tal-Appell, 27.06.1953; **Frank Giordimaina Medici *et. vs.* William Rizzo et., P.A.,** 28.04.2004; **Middle Sea Insurance p.l.c. vs. Rudolph Spiteri**, P.A., 31.01.07; **Mizzi *noe. vs.* Borg *et.,*** P.A., 29.09.2009.

ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dejn irid jippruvah l-attur, però kull ċirkostanza oħra sollevata mill-konvenuti in difiża tagħhom iridu jippruvawha huma.

Illi m'hemmx dubju li l-ammont mitlub mill-attur dwar konsenji li għamel lill-konvenuti, wara li tnaqqas minnu l-ammont li l-attur stess ammetta li kien diġà tħallas, hu dovut mis-soċjetà konvenuta. L-attur stess esebixxa minn rajh id-dokumentazzjoni relattiva, qabel ma bdiet ix-xhieda tal-kontroparti, li turi l-15% żejda li s-soċjetà konvenuta bdiet tħallas mal-pagamenti għall-konsenji li ħallset bi flus kontanti, biex taqta' djun ta' fatturi antiki. Il-bilanċ dovut għalhekk huwa €21,017.26 li wara li jitnaqqas minnu l-imsemmija somma ta' €268.99 jammonta għal €20,748.27.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-uniku ammont dovut u li dwaru hija rreġistrat ammissjoni kien ta' €5,797.61, ċjoè għar-rigward ta' dawk l-*invoices* li nħarġu mill-1 ta' Settembru, 2014 'il quddiem minħabba li kif ingħad il-*credit application form* hi datata Awwissu 2014, li jfisser li setgħet kienet iffirmata fl-aħħar ġurnata ta' Awwissu 2014, u għalhekk mill-*istatements* annessi mar-rikors maħluf qed taċċetta biss dawk tal-1 ta' Settembru, 2014 'il quddiem.

Illi apparti li t-tieni eċċezzjoni ma għandha ebda bażi legali stante li l-ħlas jkun dovut mhux minn meta fornitur jaċċetta li jibda jagħti kreditu iżda minn meta jibda jforni, din hija wkoll kontradetta mid-dikjarazzjoni li l-konvenut, direttur tas-soċjetà konvenuta, kien bagħat lill-attur datata Ġunju, 2014[25], fejn mhux biss ġew aċċettati konsenji ġodda, iżda kien qal ukoll:

[25] *A fol.* 34 tal-proċess.

> *"Whilst we would like to make your acquaintance, we confirm that our company, EROM Trading Ltd has assumed full responsibility and ownership of the outstanding and future dues of Cassar & Schembri (Marketing) Ltd in respect of invoices relating to the provision of goods to the MORE Supermarket outlets and MORE warehouse."*

Illi mhux hekk biss, in kontroeżami l-konvenut innifsu jikkonferma[26] li d-djun li qed jintalbu li jitħallsu mill-attur, kienu kollha tal-perjodu meta s-soċjetà konvenuta kienet bdiet topera u hu kien l-uniku direttur tagħha. Għaldaqstant mhux biss l-ammont ammess hu dovut, li kif diġà ngħad anki dan inħadem b'mod skorrett, imma l-ammont pretiż kollu kif ridott għal €20,748.27.

Illi anki s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti, li kwalunkwe mgħax li l-Qorti tiddeċiedi li hu dovut għandu jibda jiddekorri min-notifika tar-rikors maħluf stante li ma saret ebda interpellanza għal ħlas, mhux mistħoqqa. Dan għaliex kwantu għall-imgħax, kif jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Muscat *et. vs.* Radmilli *et.*** illi:

> "Il-liġi tgħid ċar li fejn l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma flus determinata, id-danni jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma maħduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm għalfejn l-kreditur jipprova li bata xi telf minħabba d-dewmien."[27]

[26] *A fol.* 153 tal-proċess.
[27] P.A. (JRM), 03.10.2002.

F'dak il-każ, id-dejn kien ta' natura kummerċjali u allura l-Qorti kompliet tgħid illi:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerqjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq".[28]

Għaldaqstant, stante li t-transazzjonijiet mertu ta' din il-kawża kienu ta' natura kummerċjali, hu korrett li jingħad li l-imgħax dovut hu dovut *ipso lege* u din il-Qorti, f'każ li ssib li l-ammont mitlub mill-attur hu effettivament dovut mill-konvenuti jew minn min minnhom, dawn ikollhom iħallsu l-imgħax kummerċjali għal kull transazzjoni mid-data ta' kull konsenja skont l-i*statement* anness mar-Rikors Maħluf[29] sal-effettiv pagament, wara li jinqatgħu l-ewwel 90 ġurnata kreditu li kien hemm mid-data ta' kull *invoice*.

Illi jeħtieġ ukoll f'dan l-istadju li Qorti tiddetermina jekk l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta huwiex dovut *in parte* wkoll mill-konvenut *in solidum* mas-soċjetà konvenuta. Il-konvenut jargumenta li l-ewwel *credit application form* għalkemm mhijiex iffirmata mill-attur, ġiet aċċettata minnu għax kompla jikkonsenja l-merkanzija lis-soċjetà konvenuta. Però għar-rigward tat-tieni *credit application form,* il-konvenut jgħid illi safejn jaf hu garanzija personali trid issir b'kuntratt. Fir-realtà filwaqt li garanzija tinħoloq b'kuntratt[30], tant ieħor wieħed ma jistax ikun il-kaġun jew responsabbli għal kontinwazzjoni ta' konsenji li wara ma jitħallsux, fuq l-affermazzjoni li qiegħed jidħol bħala

---

[28] *Vide* ukoll f'dan is-sens P.A., **Arthur Briffa *et vs*. Carmelo Farrugia *et*** datata 26 ta' Marzu, 2013.
[29] *A fol.* 5 sa 8 tal-proċess.
[30] Ara l-art. 1925 tal-Kap. 16 - "Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."

garanti personalment għalihom u wara jsostni illi hu mhux responsabbli wkoll għall-ħlas ta' dawk il-konsenji, li saru appuntu abbażi tal-affidament mogħti bil-garanzija fuq il-*credit application form*. Ċertament mill-ammont pretiż, l-ammont li kien dovut wara l-għoti tal-garanzija mill-konvenut, u li aktar qabel f'din is-sentenza ġie kkwantifikat fis-somma ta' €7,499.32, ikun anki dovut personalment mill-konvenut *in solidum,* sakemm il-konvenut ma jirnexxilux jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti illi kien ġie mqarraq mill-attur biex iffirma dak li effettivament iffirma fuq il-*credit application form.*

Tqis illi fuq bażi ta' probabbiltà ta' provi, li huwa tabilħaqq inverosimili illi xi ħadd fil-kummerċ bħall-konvenut ma kienx jaf x'qed jiffirma jew ġie mqarraq jiffirma dikjarazzjoni ta' garanzija hekk ċara kif jidher *a fol. 10,* fejn ukoll ippreċisa fejn hemm spazju għall-*"signature of spouse" "N/A",* mhux applikabbli. Sakemm ma jkunx hemm xi konvinċiment ulterjuri skont iċ-ċirkostanzi, il-Qrati tagħna invarjabbilment dejjem ħadu l-pożizzjoni li jekk wieħed għandu l-abbiltà u l-fakultajiet normali, hu responsabbli anki għat-traskuraġni tiegħu:

> "Inoltre, għalkemm hu minnu li dawn it-tlett konvenuti baqgħu jinsistu li Isabelle Zammit ffirmat bħala garanti għal Lm4,000 filwaqt li l-konjuġi Dingli ffirmaw bħala garanti għal Lm10,000, id-dokumenti li ffirmaw juru mod ieħor. Fil-fehma tal-qorti kien id-dmir ta' dawn il-konvenuti li qabel jiffirmaw jaċċertaw ruħhom dwar dak li kienu ser jiffirmaw għalih. Jekk qagħdu fuq il-kelma ta' Richard Zammit mhu tort ta' ħadd għajr tagħhom li ffirmaw kuntratti mingħajr ma vverifikaw u kienu ċerti x'qegħdin jiffirmaw."[31]

[31] **HSBC Bank Malta plc. v*s.* Richard Zammit *et***, P.A., 10.12.2012.

Hekk ukoll fis-sentenza **Michael u Jane konjuġi Debono *vs.* Bank of Valletta plc.** ingħad[32]:

> "... jekk kellhom din l-impressjoni huma ma jistgħux jitfgħu t-tort fuq il-bank. Jekk huwa hekk dan kien non-kuranza tagħhom stess u allura kien messhom ħadu parir legali. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijet **Navarro *vs.* Baldacchino** (28 ta' Frar, 2003) tali non-kuranza ma tistax tiġi kondonata u lanqas premjata billi l-Qorti taċċetta l-assunt fuq dak li seta' ħaseb (f'dan il-każ) il-konvenut li kien fih il-kuntratt meta dan invece mill-apparenza tiegħu kien jikkontjeni terminu u kondizzjonijiet preċiżi. Is-sens ġuridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub għandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tiegħu u ma għandux jiġi mibdul jew ċirkuwit b'mera assunzjoni soġġettiva ta' xi parti fost il-kontraenti. Ir-raġuni mbagħad tiddettalu, una volta kellu kopja tal-kuntratt illi jeżamina sewwa l-kuntratt u mhux jagħtih sempliċi hemża biex jekk dan ma kienx jirrifletti l-verità jattira l-attenzjoni fuq daqshekk."

Illi huwa veru li dawn is-sentenzi kienu jittrattaw kuntratti vera u proprja, però l-Qorti hi hawnhekk konvinta li d-dikjarazzjoni inkwistjoni saret biex il-konvenuti jikkuntentaw lis-*supplier* tagħhom, l-attur, u mhux minħabba xi żball tal-konvenut, u għaldaqstant ma jistax issa l-konvenut jaħrab mir-responsabbilità għall-inqas sal-limitu suindikat.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **MCE Limited *vs.* Mario Pickard *pro. et noe.*[33]** ingħad:

> "Mill-provi proċesswali jirriżulta bla ebda dubju illi t-talba kontenuta fid-dokument IP2 ġiet aċċettata tant li ġie provvdut il-materjal konsegwenti għaliha. Dan kif manifest u evidenzjat mill-fatturi esebiti minn *fol* 20 sa *fol* 50. Ġjaladarba dan hekk jirriżulta, tiskatta b'konsegwenza l-garanzija kontemplata fid-dokument preċitat. Garanzija, li kif definit fl-Artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili, "hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."

[32] P.A. datata 02.11.05.
[33] Appell Ċivili Inferjuri, datata 10.03.2004.

Illi fil-każ odjerna kien hemm ukoll aċċettazzjoni tal-istess garanzija meta baqgħet tiġi fornita l-merkanzija abbażi ta' tali garanzija.

Illi kif irrileva l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fis-sentenza fl-ismijiet **Oreste Brincat *vs.* Carmelo Falzon**[34] jingħad illi hemm kuntratti bilaterali u dawk unilaterali bħall-garanzija. Però din is-sentenza tispjega, li din id-distinzjoni hi dwar l-obbligazzjoni li hemm fil-kuntratt u mhux dwar l-oriġini tiegħu, għax kull kuntratt ultimament hu bilaterali għax il-kuntratt ma jiġix perfezzjonat biss bil-volontà isolata tal-persuna li tkun trid tobbliga ruħha versu ħaddieħor, iżda jinħtieġ li anki l-volontà tal-parti l-oħra li ser tibbenefika mill-obbligazzjoni trid tikkonkorri għall-kompletament tal-kuntratt. Però l-Qorti mbagħad tagħmel studju approfondit fejn ir-rigur tal-liġi li jirrikjedi firma anki tal-persuna li favur tagħha qed issir garanzija, jiġi temperat u dan billi jintwera bħal fil-każ in diżamina, l-obbligazzjoni tal-konvenut ġiet effettivament aċċettata mill-attur bil-konsenja tal-oġġetti.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Farrugia Company Limited *vs.* Wallace Fino *et.*,** ġiet aċċettata bħala valida garanzija personali għal dejn ta' kumpannija, mogħtija fuq *credit application form* anki jekk mhux iffirmata mill-attur kreditur li però kkonsenja l-merkanzija wara li kienet ingħatat tali garanzija.[35] Finalment anki jekk bil-proċedura tad-dispensa tas-smigħ, magħrufa komunement bħala proċedura bil-giljottina, il-konvenut odjern fuq *credit application forms* simili, ġie meqjus bħala personalment responsabbli għad-dejn tas-soċjetà konvenuta odjerna fis-sentenzi fl-ismijiet **Farsons Beverage Imports Company Limited *vs.* Erom Trading Limited u Darren**

[34] Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali), datata 17.06.1991.
[35] P.A., 25.11.2011.

**Casha**[36] u **Quintano Foods Limited** ***vs.*** **Erom Trading Limited u Darren Casha.**[37]

## Decide

**Għaldaqstant għar-ragunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(i) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

**(ii) Tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament billi tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited debitriċi tal-attur Roberto Gauci fis-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,748.27);**

**(iii) Tiddikjara lill-konvenut Darren Casha garanti solidali għad-debitu tas-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited sas-somma ta' sebat elef, erba' mija, disgħa u disgħin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,499.32);**

**(iv) Tikkundanna u għaldaqstant tordna lis-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited tħallas lill-attur Roberto Gauci s-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,748.27);**

[36] P.A. datata 11.03.2015 *per* Onor. Imħallef Mark Chetcuti.
[37] P.A. datata 09.04.2015 *per* Onor. Imħallef Silvio Meli.

**(v) Tikkundanna u tordna lil Darren Casha jħallas *in solidum* mas-soċjetà konvenuta lill-attur Roberto Gauci s-somma ta' sebat elef, erba' mija, disgħa u disgħin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,499.32);**

**Bl-imgħax kummerċjali fuq il-fatturi l-aktar qodma sal-ammont kanonizzat b'din is-sentenza, mid-data tagħhom, wara li jinqatgħu l-ewwel 90 ġurnata kreditu li kien hemm mid-data ta' kull *invoice*, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati inkwantu għal 2/3 mis-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited u 1/3 mill-konvenut Darren Casha.**

Moqrija.